MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 662/1991/1

**Anthony Schembri**

**Vs**

**Isabella Bajada**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-12 ta' Mejju 1989 f'xi 8:00 a.m. waqt li l-istanti kien qed isuq il-Bus Y-0573 go Cottonera Road hdejn il-Mina tas-Sultan safa involut f'habta mal-car K-6604 misjuqa minn Isabella Bajjada;

Premess illi l-Bus Y-0573 garbet hsarat u ghall-incident u konsegwenzjali danni li jammontaw ghal elf mija u erbgha u tmenin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1184.23) kienet tahti l-konvenuta minhabba negligenza, imperizja, imprudenza u inosservanza tar-Regolamenti;

Premess illi l-konvenuta qed tichad responsabilita` ghall-incident;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1184.23 jew somma verjuri, li tigi likwidata okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istanti l-ammont dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni gara unikament htija ta' l-attur minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu. Konsegwentement l-istess attur kien responsabbli ghad-danni kollha kagunati b'rizultat ta' l-istess incident;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-danni pretizi kienu eccessivi;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Jannar 1992 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph M. Ciappara bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jieu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit gudizzjarju li tinsab a fol. 62 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-30 ta’ Settembru 1996;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza ta' kollizjoni bejn zewg vetturi misjuqa f'direzzjoni opposta ghal xulxin mill-kontendenti. Il-kompitu tal-Qorti hu dak li tara jekk it-tort ghall-incident ghandux ikun attribwit lill-konvenuta, kif hekk qed jippretendi l-attur. Jew ghandux ghall-istess incident jirrispondi unikament l-attur, kif hekk qed jigi sottomess mill-konvenuta fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet taghha (fol. 98) u fl-eccezzjonijiet taghha (fol. 20). Hemm imbaghad it-tielet possibilita` u cioe` dik xelta mill-perit legali fil-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tieghu (fol. 62) fejn apporzjona aritmetikament it-tort bejn iz-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident;

Issa kwantu ghad-dinamika ta' l-incident il-kumpless tal-provi jaghtu dan il-kwadru:-

I. L-attur (fol. 74) li kien qed isuq *char-a-banc* kien sejjer lura l-*garage* Hal Qormi wara li kien wassal l-istudenti De La Salle College. Huwa htieglu jdur mal-Mina tas-Sultan;

II. Minn naha taghha l-konvenuta (fol. 79 u 86) kienet gejja mill-Fgura biex tmur bit-tfal Bormla ghand ommha. Fuq l-incident tiftakar li kienet harget mill-mina. L-incident sehh wara li skorriet il-mina;

III. Skond ix-xhieda Horace Micallef (fol. 82) u Norman Brown (fol. 84), li nzertaw ghaddejjin mill-inhawi ftit mumenti wara li sehh l-incident, dawn setghu jinnotaw li "iz-zewg vetturi kienu ghan-nofs tat-triq imma aktar lejn il-lemin". Iz-zewg xhieda, imbaghad, jikkontestaw il-mod kif il-vetturi kienu rapprezentati fl-isketch tal-Pulizija. Hekk ukoll jaghmel ix-xhud Joseph Bartolo (fol. 87) missier il-konvenuta, li ssokta jghid li "l-bus kienet thares lejn il-mina tan-nofs li mhix karreggjabbli.";

Iz-zewg xhieda precedenti jikkonfermaw, u dan in kontestazzjoni ma' dak li ddepona l-attur, illi huma setghu jghaddu liberament max-xellug tal-bus;

IV. Is-surgent li nvestiga l-incident iddikjara illi huwa ndika fl-iskizz preparat minnu l-vetturi kif sabhom fil-hin li acceda fuq il-post (fol. 77). Huwa, imbaghad, ghadda biex jaghti rendikont tal-hsarat subiti mill-vetturi. Dik tal-bus "fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem u ftit lura mill-mudguard mal-genb"; dik tal-car tal-konvenuta "fuq quddiem mal-faccata";

Ben tajjeb irraguna l-perit relatur illi l-fattezzi f'dan il-kaz huwa indikattivi ta' "*head-on collision*". Dan isib spjega anke minn natura tal-hsarat subiti miz-zewg vetturi;

Bhal perit legali l-Qorti tati affidament lix-xhieda ta' Horace Micallef u Norman Brown fejn dawn ikkontestaw l-isketch tal-Pulizija u stabilew li l-incident sehh lejn in-nofs tat-triq. Issa jekk kienetx il-bus aktar lejn il-lemin mill-*crown of the road* jew kienetx il-car tal-konvenuta ftit jaghmel differenza ghax pied 'l hawn jew 'l hemm l-istess il-habta kienet issir;

Issa hu ben pacifiku illi "sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal dik il-kollizjoni" (**Vol. XLVII P II p 966**) u li "l-fatt li driver ikun isuq minflok fuq ix-xellug nett tat-triq, kif ir-regolamenti tat-traffiku jridu, kien fuq il-'crown of the road' mhux fatt deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver kien il-htija tal-kollizjoni" (**Vol. XXXVII P IV p 1137**; "**Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999; "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001);

Din il-Qorti hi pero` sodisfatta illi z-zewg sewwieqa ma kienux qed isuqu b'dik il-prudenza li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienu jiddettawlhom. It-tnejn li huma kienu, minn natura stess ta' l-incident, qeghdin isuqu maqlughin 'il barra minn naha proprja tat-triq u allura l-incident seta' jigi evitat kieku zammew verament "*a proper look out*". Element dan indispensabbli fis-sewqan u li kapaci seta' jinduci liz-zewg sewwieqa jirreagixxu tempestivament fil-konfront ta' l-"*on coming traffic*". Dan in-nuqqas irrenda l-kollizjoni inevitabbli;

Hu b'dan il-hsieb in mira li l-Qorti tqis li l-apprezzament li ghamel il-perit lgali fir-rigward tal-htija kien wiehed gust u ekwu;

Huwa sewwa affermat fil-gurisprudenza, u dan bhala konsiderazzjoni ta' dritt, illi hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fejn ikollok htija kontibutorja, li tistabilixxi l-proporzjoni li fiha l-partijiet ikunu ikkagunaw id-dannu. Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Galdes -vs- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, "tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-Qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' danni, fis-sens illi '*it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally.*'";

Kwantu ghall-uzu tar-regola ta' l-arbitriju addottata mill-perit legali din il-Qorti ma tikkondividix l-applikazzjoni ta'

din ir-regola ghat-telf ta' xoghol ghal granet li ma gewx korroborati u sostenuti mill-provi. Meta jezistu l-mezzi probatorji, u dawn kienu hekk disponibbli ghall-attur, jew messu nsista ghall-produzzjoni taghhom qabel ma iddikjara li kien lest mill-provi, allura ma kellux imbaghad jigi applikat l-arbitriju izda biss d-danni provati Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti qed tirreduci l-ammont ghal telf ta' xoghol ghal mija u tlieta u erbghin lira (Lm143) kif sostanzjat b'Dok. AS13 esebit a fol. 13 tal-process.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li l-kontendenti kienu responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh fit-12 ta' Mejju 1989 f'Cottonera Road, Vittoriosa;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont komplessiv ta' disa' mija u dsatax-il lira Maltija u erbtax-il centezmu (Lm919.14,0). Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas nofs l-ammont hekk likwidat u cioe` erba' mija u disgha u hamsin lira Maltija u sebgha u hamsin centemzu (Lm459.57,0), lill-attur.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------